HAL BALZAN

"Hortibus Undique Septa" - Imdawwar bil-Gonna minn kullimkien

Il-Ħdax il-Sena Nru. 63 | HAL BALZAN | APRIL/ĠUNJU 1983

"U HIENJA LI EMMINT; GHAX FIK ISEHH DAK KOLLU LI LILEK INTQAL MILL-MULEJ" — LUQA 1,45



MESSAGG TAL-KAPPILLAN GHALL-FESTA TA' MARIJA ANNUNZJATA

Il-Festa tar-raħal, għal kemm iġġib ħafna xogħol magħha imma ġġib ukoll ħafna ferħ. Kulħadd jistenna bil-ħerqa dawn il-granet tal-Festa. U tarana nżejnu d-dar, naħsbu għal xi libsa u għal xi platt speċjali, għax il-festa hija okkażjoni ta' ferħ għall-familja kollha. Dan kollu juri kemm hija għal qalbna l-Festa ta' Marija Annunzjata.

Imma jiena nixtieq li l-Festa tagħna ma tkunx biss artifiċjali jew minn barra biss, nixtieq li nifirħu wkoll spiritwalment.

Inqisu li l-Festa ta' din is-sena tressaqna lejn Alla permezz ta' Marija. Kemm tkun Festa vojta għalina jekk ma nersqux għall-qrar u għat-Tqarbin. X'jiswielna jekk inżejnu l-Knisja, it-triqat u d-djar tagħna jekk ruħna tkun mudlama bid-dnub. Forsi wara l-festa niftaħru kemm kilna, xrobna u xxalajna imma ruħna, l-aktar ħaġa għażiża li għandna, tibqa' mxenxqa. Kemm nixtieq li din il-festa tkun okkażjoni tad-deheb għal ruħna. Kemm nixtieq li l-Festa tkun għal xi wħud okkażjoni li fiha jieħdu d-deċiżjoni li ilhom tant biex jeħduha, li jersqu lejn Alla. Dan huwa l-akbar unur li nistgħu nagħtu lil Marija Annunzjata. Kemm tieħu gost Marija tara lil uliedha Balzanin madwar binHa Ġesù fl-Ewkaristija. Nixtieq nawgura Festa tajba lil kulħadd. Fis-sena tar-Redenzjoni u fis-sena tal-Kungressi Marjani nawgura lil kulħadd li l-Festa ta' Marija Annunzjata tkun Festa verament Nisranija li fiha nifirħu fir-ruħ u fil-ġisem.

DUN TARCIS

EDITORJAL

WASLET IL-FESTA

Niftakar qisu l-bieraħ, meta konna żgħar, konna nindafru fuq il-bankina ta' Katarina, wara Santa Marija, u mattokki ta' l-Ave Marija, dlonk tinfetaħ it-twejqa ta' biswitna u minnha jidher Pietru Pawl, li għalkemm ma kienx għalliem, kien iħobb t-tfal daqs il-mimmi t'għajnejh, u b'vuċi solenni jsaqsina, "Tfal, intom tħobbuha l-Lunzjata?" U aħna, għalenija, dlonk konna nwieġbu "IVA". U f'ħin u sabta kien jarma jwaddbilna ponnijiet ta' ħelu tas-sugu, tal-menta, u boċċi taż-żambur! U aħna trid tarana nitmiegħku ma' l-art, nistadu għal dan l-imbierek ħelu u nitlewmu xi waħda wkoll. Dak kien żmien!

Iżda għal kemm għaddew is-snin minn dan l-episodju, xorta waħda qisu bħal jibda jbaqbaq id-demm ta' kull Balzani, bħal issa hekk kif tibda riesqa l-Festa! Ir-raħal bħal jieħu arja oħra. Jibdew igħaddu l-"cables" għad-dawl mar-raħal kollu; jitħaffru postijiet, jew aħjar jitnaddfu l -ħofor qodma tas-sena ta' qabel ,għall-pilandri, trofej, statwi u armar ieħor.

Minn erbat iħdud qabel tintrama l-faċċata tal-Knisja bid-disinn tal-lampi; jitqiegħdu wkoll lampi fuq il-koppla u l-kampnar. Imbagħad jitwaħħlu fustuni, u nibqgħu sejrin hekk sat-tridijiet u lejlet il-Festa!!

Il-Knisja minn ġewwa tibda tintrama għall-Festa. U kos kemm jixirqilha t-tiżjin il-Knisja tagħna! Jiddendel it-tużell famuż fuq l-artal maġġur u d-damask, jintramaw il-linef fl-ventartali, gandlieri, fjuretti u triehi, insomma l-aqwa lbies u rikkezzi għall-granet tal-Festa! Jinħareġ il-bankun ħalli mbagħad, Ħadd qabel, tinħareġ l-istatwa tal-Lunzjata min-niċċa.

Fl-aħħar ġimgħat ta' qabel il-Festa, fil-każini jkun hemm moviment u ħajja aktar mis-soltu. Bejn armar, kunċerti tal-banda, preparamenti ta' l-aħħar għan-nar ta' l-art u ta' l-ajru, ġbir, arburali u mitt ħaġa oħra.

Kull fejn tħares mat-triqat prinċipali tar-raħal, tara lil min jiżbogħ il-faċċata, jew il-gallarija, jew xi persjana. Tidher li waslet il-Festa! Il-faċċata titbajjad u l-injam jinżebagħ, mhux għax bilfors ikollhom bżonn, iżda għax hekk kien jagħmel missieru u nannuh. U din it-tradizzjoni tintiret minn ġenerazzjoni għall-oħra; ħaġa li tqanqlek!

Sbieħ ferm huma dawn it-thejjijiet li wieħed jagħmel qabel il-Festa tar-raħal ħalli, l-Festa tkun suċċess ma jonqosx. Iżda wieħed ma jridx jinsa wkoll li l-Festa tiġi ħalli l-Balzanin kollha juru mħabbithom lejn il-Lunzjata spiritwalment ukoll, billi jattendu għat-Tridijiet, Transolazzjoni u funzjonijet oħra ta' matul il-Ġimgħa tal-Festa u jitqarbnu lkoll nhar il-Festa tal-Lunzjata. Dan ikun l-isabaħ "armar" għall-Festa tar-raħal! Ċerti li Marija Annunzjata tistedinna lkoll għall-ikla tal-Ħaruf bla Tebgħa li Hu Binha, nhar il-Festa Tagħha, li din is-sena se tiġi ffestiġġjata b'pompa kbira bħas-soltu, nhar il-Ħadd 10 ta' Lulju.

Nixtiequ l-Festa t-Tajba lill-Balzanin kollha u lil kull min jogħġbu jippartecipa b'xi mod fil-festi ad unur ta' Marija Annunzjata f'Ħal Balzan!!

VITAFOAM

ISEM TA' GARANZIJA

PRODOTTI —
SAQQIJIET
IMHADDED
CUSHIONS U AFFARIJIET
OHRA TAL-FOAM

VITAFOAM LIMITED

INDUSTRIAL ESTATE, SAN ĠWANN (B'KARA)
Telephone: 36275/76

"ĦAL BALZAN"

Toħroġ kull tliet xhur mill-

BORD EDITORJALI — 'ĦAL BALZAN'

c/o Każin tal-Banda
"San Gabriel"
Ħal Balzan.

Stampat fil-
Lux Press
Hamrun.

IL-MUSEUM IFAKKAR GHELUQ IS-SITTIN SENA TIEGHU F'HAL BALZAN

MONS. ARĊISQOF MERCIECA F'LAQGĦA MAL-ĠENITURI TAT-TFAL LI JATTENDU L-QASAM TAL-MUSEUM TA' ĦAL BALZAN.

MILL-UFFICCJU PARROKKJALI

Bdew il-ħajja nisranija
Stephania Cachia
Anton Falzon
Keith Falzon
Clive Grech
Margaret Anne Catania
Konrad Mark D'Anastasi
Stephanie Cutajar
Jonathan Vella

Iffurmaw familji ġodda
Nicholas Joseph Borg u Janet Hampson
Joseph Mary Mintoff u Salvina Calleja

Għaddew għall-ħajja bla tmiem
Giovanna Schembri
Sister Marianna Borg
Maria Azzopardi
Maria C . Pearson
Publia Mifsud

Kif kien deher fl-aħħar ħarġa ta' "Ħal Balzan", is-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija fakkret lejn tmiem ix-xahar ta' Mejju u l-bidu ta' Ġunju egħluq is-sittin sena minn mindu twaqqfet fil-parroċċa ta' Ħal Balzan. L-iskop ta' dawn it-tifkiriet kien prinċipalment li niżżu ħajr lil Alla tal-grazzji kollha li għamel man-nies ta' din il-parroċċa u, fuq kollox mal-membri ta' l-istess Soċjetà, tul dawn is-snin, permezz tal-MUSEUM. Kellu jkun ukoll żmien ta' riflessjoni fuqna nfusna, aħna l-Insara li ngħixu f'din il-parroċċa ta' Ħal Balzan, biex naraw kif ilqajna l-grazzja t'Alla u nitolbuh maħfra ta' kemm-il darba nqasna milli ngħidulu iva meta sejħilna.

Kienet tassew ħaġa xierqa li nhar Pentekoste, festa ta' l-Ispirtu s-Santu, li minnu ġejja kull grazzja u kull għerf, jibdew dawn it-tifkiriet. Il-Kappillan, Dun Tarċisju Delicata, qaddes fid-9.00 a.m. fil-kappella tal-qasam tal-Museum għal għadd kbir ta' tfal li jattendu fil-qasam. Wara l-quddiesa espona s-Sagrament li kellu jitħalla fil-kappella sa l-4.00 p.m. Tul dan il-ħin it-tfal, fi gruppi skond il-klassi li jattendu fiha, għamlu nofs siegħa adorazzjoni quddiem Ġesù Sagramentat. Il-kappella kienet miftuħa wkoll għal kulħadd, biex kull min ried seta' wkoll jiġi jqim lil Ġesù fis-Sagrament ta' l-Altar. Fi tmiem l-espożizzjoni saret ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla mmexxija minn Dun Ġwann Dimech li, wara li kellem lit-tfal ta l-Barka Sagramentali.

Il-ġurnata tal-Ħadd, 22 ta' Mejju, għalqet biċ-ċerimonja tat-tfal Magħżulin fil-Museum. Din iċ-ċerimonja Dun Ġorġ ried li ssir lil tfal ta' tnax-il sena, l-età li fiha Kristu kien iddisputa ma' l-għorrief Lhud fit-tempju, biex lit-tfal ifakkarhom fil-wegħdiet tagħhom tal-Magħmudija li jgħixu dejjem u kullimkien ta' Insara u jagħmlu appostolat ma' l-oħrajn, dmir ta' kull Nisrani. Il-preżenti, li kienu jinkludu l-ġenituri tat-tfal, ġew indirizzati mis-Segretarju Ġenerali tas-Soċjetà John Formosa.

It-Tnejn u t-Tlieta ta' wara, is-Soċjetà riedet tiddedikahom lill-għaqdiet l-oħra, soċjali, politiċi u reliġjużi, tal-parroċċa, li bħalha qegħdin jaħdmu biex iġibu 'l quddiem il-ħajja tal-membri ta' din il-parroċċa. Fl-ewwel jum is-Superjur tal-qasam, Carmel Bezzina kellem lir-rappreżentanti tal-każini soċjali u politiċi tal-parroċċa. L-għada saret ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla għall-għaqdiet reliġjużi, immexxija minn Dun Ġwann Dimech. Bħala suġġett intgħażel l-appostolat, u l-membri ta' l-għaqdiet talbu flimkien biex l-appostolat tagħhom, kulħadd skond is-sejħa speċjali li għandu fl-għaqda tiegħu, ikollu frott għall-glorja t' Alla u l-ġid tal-Knisja.

Ftit granet wara ċ-ċerimonja tal-Magħżulin, Dun Ġorġ ried li l-istess tfal jagħmlu offerta tas-safa ta' qalbhom lil Marija, huma li issa deħlin fl-adolexxenza. Din iċ-ċerimonja, magħrufa bħala tal-Proponiment tal-Kastità u li saret il-Ħamis, 26 ta' Mejju, hija ġabra ta' talb lil Alla biex bl-interċessjoni ta' Marija SSma. jgħin lil dawn it-tfal iżommu s-safa ta' qalbhom tul ħajjithom kollha. Iċ-ċerimonja għalqet b'offerta simbolika ta' fjur abjad lill-Madonna mit-tfal.

Il-Ħadd, 29 ta' Mejju, festa ta' l-ewwel tqarbina, kien jum għażiż ħafna għas-Soċjetà tal-Museum. Filgħodu, tfal u kbar, semgħu l-quddies flimkien tas-7.30 a.m. u offrewha għall-bżonnijiet ta' dawk kollha, ħajjin u mejtin, li kienu ta' għajnuna, kemm materjali jew morali, għall-Museum tul dawn l-aħħar sittin sena. L-akbar benefattur tagħhom, mingħajr dubju, kien Dun Ġorġ innifsu, u għalhekk fl-10.00 a.m. saret żjara lill-qabar tal-fundatur tas-Soċjetà tal-Museum. Miġburin madwar il-qabar tiegħu, huma talbu flimkien, u ftakru fis-sejħa għall-appostolat permezz tat-tagħlim, sejħa tant għażiża għal Dun Ġorġ.

Wara nofs in-nhar fil-5.00 p.m. beda l-korteo tat-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina flimkien mal-ġenituri tagħhom, mill-Museum sal-Knisja, fejn saret quddiesa u t-tfal tqarbnu flimkien ma' ommijiethom u missirijiethom u l-bqija tal-parroċċa.

L-għada, it-Tnejn 30 ta' Mejju, kien jum iddedikat għat-tfal li kuljum jattendu għat-tagħlim tad-duttrina. Fis-6.30 p.m. sar party għalihom fil-Museum u biex iferrħu t-tfal ġew Vanni Pule' u Fr David Azzopardi, il-wieħed bil-maġija tiegħu u l-ieħor bil-kant tiegħu tant popolari mat-tfal, li ġew apprezzati ħafna mit-tfal.

Bħal kull sena, l-għada, l-aħħar ta' Mejju, xahar iddedikat lill-Madonna, sar korteo speċjali bl-istatwa tal-Madonna ta' Fatima, mill-Museum sal-Knisja Parrokkjali. It-tfal imxew bil-fjuri f'idejhom li aktar tard huma offrewhom lil Marija SSma., u warajhom mexa l-bqija tal-poplu. Fi tmiem il-korteo saret quddiesa għar-rebħ ta' l-Indulġenza tal-Ġublew tas-Sena Mqaddsa. Klen hemm attendenza tassew numeruża, li miġbura quddiem ix-xbiha ta Marija, talbet lil 'Alla biex iżomm idejh fuqna, fuq il-familji tagħna u fuq pajjiżna.

Kull xahar is-Soċjetà tal-Museum torganizza laqgħa għaż-żgħażagħ tal-parroċċa, li ħafna minnhom kienu jattendu fil-qasam meta kienu iżgħar. Tul dawn it-tifkiriet, saret laqgħa speċjali li fiha l-kliem ewlieni kien is-Superjur tas-Soċjetà tal-Museum Emmanuel Catania. Wara l-laqgħa, li għaliha attendew mal-ħamsin żagħżugħ il-ġuvintur setgħu jġeddu t-tifkiriet ta' tfulithom u jiltaqgħu mal-membri tas-Soċjetà fil-bitħa tal-qasam.

Il-qofol taċ-ċelebrazzjonijiet kien nhar il-Ħamis, 2 ta' Ġunju, meta saret Quddiesa Konċelebrata ta' radd il-ħajr fil-Knisja Parrokkjali. Mexxa l-konċelebrazzjoni l-Assistent Ekkleżjastiku tas-Soċjetà, Mons. Lawrence Gatt, u ħadu sehem miegħu l-qassisin tal-parroċċa flimkien ma' xi whud mis-saċerdoti li ħarġu mill-qasam ta' Ħal Balzan. B'suġġett tal-liturġija ntgħażlet il-vokazzjoni reliġjuża u saċerdotali, u sar talb lil Alla biex jagħti l-grazzja tiegħu lit-tfal u ż-żgħażagħ tal-parroċċa biex minn fosthom joħorġu vokazzjonijiet tant meħtieġa għall-Knisja.

Kull appostolat jeħtieġ rabta mal-Knisja, li tidher fl-għaqda ma' l-Isqof tad-djoċesi, ir-rappreżentant ta' Kristu fostna. Kien għalhekk li l-Ġimgħa, 3 ta' Ġunju, Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca ġie mistieden iżur il-qasam u jkellem lill-ġenituri tat-tfal. L-Arċisqof, li ntlaqa' b'ċapċip mill-għadd sabiħ ta' ġenituri li mlew is-sala tal-qasam, tkellem fuq il-ħtieġa tat-tagħlim u ħeġġeġ lill-ġenituri biex ma jonqsux li jibagħtu lil uliedhom jitgħallmu l-Kelma t'Alla. Wara l-laqgħa l-Arċisqof tkellem individwalment ma' ħafna mill-ġenituri preżenti.

Kienet ilha tinħass il-ħtieġa li jsir it-tiġdid tal-konsagrazzjoni lill-Qalb ta' Ġesù u l-Qalb ta' Marija. Dan sar nhar is-Sibt, 4 ta' Ġunju, meta fil-kappella tal-qasam Dun Ġużepp Zammit mexxa ċelebrazzjoni tal-Kelma t' Alla li fiha ġedded il-konsagrazzjoni. Wara kiteb lit-tfal kollha preżenti fil-Midalja Mirakoluża. Saru wkoll kelmtejn ta' l-okkażjoni mis-Superjur tas-Soċjetà Frans Gatt.

Bħala Soċjetà li l-fini tagħha hu li twassal il-Kelma t'Alla lill-oħrajn, il-Museum ried li jagħlaq dawn it-tifki-

(Ikompli pagna 4)

SKARPOLI

Għal kull xorta ta' tiswijiet ta' żraben

IRRIKORRU GHAND **SKARPOLI**
TA' TRIQ IL-KBIRA, ĦAL BALZAN

Minn għandu tieħu xogħol tajjeb. Jibdel platforms u supratakki u jagħmel uċuħ ġodda tal-krakar.

Ħinijiet tax-xogħol:
Mit-8.30 a.m. sa nofs in-nhar u
mit-3.00 p.m. sas-7.00 p.m.

L-Istorja tal-Kunjomijiet f'Hal Balzan - (1)

Hassejt li tkun ta' interess storiku l-istorja tal-Kunjomijiet f'Hal Balzan u għal-hekk iddeċidejt li nara x'kunjomijiet kien hawn f'din il-Parroċċa mis-sena 1709 sa din is-sena li qegħdin fiha 1983. Kif wieħed jista' jara aktar 'il quddiem, rajt f'kull għaxar snin: 1) kemm kienet il-popolazzjoni; 2) kemm kien hawn familji li kellhom l-istess kunjom; 3) x'kunjomijiet ġodda daħlu; 4) u x'kunjomijiet spiċċaw. Biex wieħed isibha aktar ta' interess, ħadt ħsieb li l-kunjomijiet inpoġġihom b'mod alfabetiku. Minn dan l-istudju wieħed jista' jiskopri liema kunjomijiet kienu u għadhom l-aktar dominanti f'din il-Parroċċa.

Sena 1709
Popolazzjoni 575:

Hagius (Agius) 6; Aquilina 4; Attard 1; Azzopardo 4; Bartolo 2; Basili 1; Bellia 1; Bezzina 4; Borg 19; Bonnici 2; Briffa 1; Busiani 1; Cachia 1; Calafat 1; Camilleri 1; Cardona 1; Cassar 2; Cauchi 2; Chetcuti 1; Cortis 1; Costa 1; Cuschieri 3; Debono 7; Dimech 1; Hellul (Ellul) 2; Farrugia 2; Fenech 8; Felici 2; Fava 1; Frendo 2; Galdes 1; Galea 6; Genuis 1; Giordimaina 1; Grech 4; Grixti 1; Magri 1; Magro 2; Micallef 6; Mifsud 2; Mizzi 1; Muscat 7; Psaila 2; Sammut 6; Said 1; Sant 2; Schembri 1; Tanti 1; Tonna 1; Vassallo 2; Vella 2; Xeberras 3; Xerri 1; Zammit 4; Zarb 14. (1)

Mela fis-sena 1709 f'Hal Balzan kien hawn 55 kunjom differenti. Minn dawn il-kunjomijiet kien jiddomina l-kunjom Borg. Kien hawn 19-il familja li ġġib dan l-kunjom. Wara dan il-kunjom, insibu dak tal-familji Zarb, li kienu 14 b'dan il-kunjom. U kien hawn 8 familji li jġibu l-kunjom Fenech.

Sena 1719
Popolazzjoni: 561

Hagius (Agius) 6; Aquilina 4; Attard 1; Azzopardo 4; Bartolo 1; Basili 1; Balzan 1; Belli 2; Bezzina 3; Borg 21; Briffa 1; Calafat 1; Camilleri 1; Cassar 2; Cortis 1; Cauchi 2; Cuschieri 3; Debono 9; Hellul (Ellul) 1; Farrugia 4; Felici 1; Fenech 9; Frendo 1; Galdes 4; Genuis 1; Grech 3; Giordimaina 1; Grixti 1; Micallef 2; Mifsud 3; Muscat 6; Magro 2; Paci 1; Psaila 2; Saguna 1; Said 2; Saliba 1; Sammut 6; Sant 2; Schembri 1; Spiteri 1; Tonna 1; Vassallo 1; Vella 3; Xeberras 4; Zammit 5; Zarb 14. (2)

Fis-sena 1719 f'Hal Balzan kien hawn 48 kunjom differenti. Iddomina l-kunjom Borg. Kien hawn 21 familja li kienu jġibu dan il-kunjom.

Insibu li bħal għaxar snin qabel kien hawn 14-il familja li kienu jġibu l-kunjom Zarb. U l-kunjom Debono u Fenech insibuh f'9 familji.

Sena 1729
Popolazzjoni: 500

Hagius (Agius) 13; Aquilina 4; Attard 1; Barabella 1; Bartolo4; Basili 1; Bellia; Bezzina 2; Borg 24; Briffa 1; Cachia 1; Calafat 1; Camilleri 1; Cassar 1; Cauchi 1;

SILTIET MILL-ISTORJA TA' HAL BALZAN
Tiftix u kitba ta'
DUN ĠWANN DIMECH

Ciantar 1; Cortis 1; Debono 10; Hellul (Ellul) 2; Falzon 2; Farrugia 3; Fenech 10; Frendo 4; Galea 4; Genuis 1; Grech 3; Grixti 2; Hili 1; Magro 3; Micallef 4; Mifsud 2; Mula 1; Muscat 8; Piscopo 1; Pizzuto 1; Psaila 3; Saguna 1; Said 1; Saliba 1; Sammut 7; Sant 2; Schembri 4; Tonna 1; Vassallo 5; Vella 2; Xeberras 4; Xerri 1; Zammit 6; Zarb 18; Zerafa 1; Zimech 1. (3)

Fis-sena 1729 kien hawn 52 kunjom different. Il-kunjom Borg baqa' jiddomina. Insibu 24 familja bil-kunjom Borg. Insibu li l-kunjom Zarb kienu jġibuh 18-il familja u l-kunjom Debono u Fenech f'10 familji.

Sena 1739
Popolazzjoni: 638

Hagius 10; Aquilina 4; Attard 2; Azzopardo 7; Barabella 1; Bartolo 4; Basili 1; Bellia 3; Bezzina 2; Bonnici 1; Borg 20; Briffa 1; Cachia 1; Calafat 1; Camilleri 2; Cardona 1; Cassar 1; Cauchi 1; Debono 12; Dimech 1; Dingli 1; Hellul (Ellul) 1; Falzon 3; Farrugia 3; Fenech 12; Frendo 2; Gafan 1; Galea 2; Gatt 1; Giove 1; Grech 3; Grima 1; Grixti 2; Hili 1; Magro 3; Micallef 4; Mifsud 4; Mula 1; Muscat 10; Piscopo 1; Psaila 1; Said 1; Sammut 2; Sant 4; Schembri 3; Tonna 1; Vassalli 1; Vassallo 4; Vella 2; Xeberras 2; Xerri 2; Zammit 9; Zarb 17; Zerafa 2. (4)

Il-kunjom Borg insibuh f' 20 familja. Il-kunjom Zarb fi 17-il familja. U l-kunjomijiet Debono u Fenech fi 12-il familja.

Qed ninnutaw wkoll lil l-kunjom Muscat qed joktor f'aktar familji.

Sena 1749
Popolazzjoni: 635

Habela (Abela) 1; Hagius (Agius) 12; Aquilina 3; Attard 3; Azzopardi 1; Bartolo 1; Bezzina 2; Bonnici 3; Borg 26; Cachia 1; Calleja 1; Calafato 2; Camilleri 1; Cardona 1; Caruana 1; Cassar 2; Debono 9; Dingli 1; Ellul 1; Falzon 3; Farrugia 4; Fenech 9; Frendo 2; Gafa 1; Galea 1; Gatt 1; Grech 5; Grima 1; Grixti 3; Haschac (Għaxaq) 1; Hili 1; Magri 2; Magro 2; Micallef 4; Mifsud 1; Mirabella 1; Muschat (Muscat) 9; Pace 2; Parnis 1; Psaila 1; Purselli 1; Said 1; Sammut 4; Sant 2; Schembri 4; Sciberras 2; Scuereb (Xuereb) 1; Tonna 1; Vassallo 4; Vella 4; Zammit 11; Zarb 17; Zimech 1; Zerafa 1. (5)

Fis-sena 1749 kien hawn 54 kunjom differenti.

Familji li kellhom il-kunjom Borg kien hawn 26.

Familji li kellhom il-kunjom Zarb kien hawn 17.

Familji li kellhom il-kunjom Agius kien hawn 12.

Sena 1759
Popolazzjoni: 535

Agius 7; Aquilina 2; Attard 2; Azzopardi 1; Azzopardo 1; Bartolo 1; Bonnici 1; Borg 24; Buhagiar 1; Cachia 1; Calleja 1; Camilleri 2; Cardona 1; Cassar 2; Cuchieri 1; Debono 5; Dingli 1; Hellul (Ellul) 2; Falzon 4; Farrugia 6; Fenech 6; Frendo 1; Gafa' 1; Galea 2; Gatt 1; Grech 4; Grima 4; Grixti 4; Hili 1; Magri 2; Magro 1; Micallef 5; Mifsud 1; Muscat 6; Pace 1; Parnis 1; Said 1; Sammut 3; Sant 2; Schembri 4; Sciberras 2; Tonna 1; Vassallo 4; Vella 3; Zammit 8; Zarb 10; Zimech 1; Zerafa 1. (6)

Fis-sena 1759 kien hawn 48 familja li kellhom kunjom differenti.

Kien hawn 24 familja li kellhom il-kunjom Borg.

Kien hawn 10 familji li kellhom il-kunjom Zarb.

Kien hawn 8 familji li kellhom il-kunjom Zammit

Sena 1769
Popolazzjoni: 567

Agius 5; Aquilina 4; Attard 3; Azzopardo 3; Bartolo 1; Bonnici 1; Borg 26; Bosetta 1; Camilleri 1; Cassar 2; Cuschieri 2; Debono 5; Dingli 2; Ebejer 1; Ellul 1; Falzon 5; Farrugia 2; Fenech 9; Gafa' 1; Gauci 1; Gatt 1; Giove 1; Grech 3; Grima 1; Hili 1; Inguanez 1; Magri 3; Magro 1; Michallef 6; Muscat 10; Mifsud 5; Saliba 1; Sammut 4; Sant 3; Schembri 3; Stivala 1; Sciberras 2; Tanti 1; Vassallo 6; Vella 4; Xicluna 1; Xuereb 1; Zahra 1; Zammit 8; Zarb 9; Zimech 2; (7)

Fis-sena 1769 kien hawn 46 familja b'kunjom differenti.

Kien hawn 26 familja Borg.

Kien hawn 10 familji Muscat

Kien hawn 9 familji Zarb.

Sena 1779

Popolazzjoni: 530

Abdilla 1; Agius 1; Aquilina 3; Attard 4; Azzopardi 5; Bezzina 1; Bonanno 1; Bondi 1; Bonello 1; Bonnici 1; Borg 25; Buhagiar 1; Cachia 1; Calleja 1; Camilleri 3; Cassar 4; Chetcuti 1; Debono 4; Dingli 2; Ebejer 1; Falzon 5; Farrugia 4; Fenech 9; Frendo 1; Gafa' 1; Galea 1; Gatt 2; Genuis 1; Giordano 1; Giove 1; Grima 1; Grech 3; Grixti 3; Magri 3; Mallia 1; Micallef 7; Muscat 12; Pace 1; Parnis 2; Pirotta 1; Pisano 1; Pulicino 1; Said 1; Saliba 1; Sammut 4; Sant 1; Schembri 3; Scicluna 1; Stivala 1; Vassallo 1; Vella 1; Xerri 1; Xiberras 1; Xuereb 1; Zammit 7; Zarb 8; Zimech 2. (8)

Fis-sena 1779 kien hawn 57 familja b'kunjom differenti.

Kien hawn 25 familja Borg.

Kien hawn 12-il familja Muscat.

Kien hawn 9 familji Fenech.

REFERENZI:


1. Liber Status Animarum 1709 — 1733 No. 16 Ark Parr.
2. Ibid. Cit.
3. Ibid Cit.
4. Liber Status Animarum 1733 — 1733 No. 16 A Ark. Parr.
5. Ibid. Cit.
6. Ibid. Cit.
7. Ibid Cit.
8. Liber Status Animarum 1774 — 1824 No. 60 Ark. Parr.

KOMPETIZZJONI BIL-PREMJU

TFAL.

Il-ħarġa tal-gazzetta ta' din id-darba ħabtet meta aħna l-Balzanin qed niċċelebraw il-festa tal-Patruna tagħna Marija Annunzjata. Xieraq għalhekk li l-kompetizzjoni tagħkom ikollha x'taqsam ma' din il-festa għażiża tagħna. Għaldaqstant ħsibna li nagħmlulkom it-tisliba li nagħmlu kważi f'kull festa.

Mela jekk itom tiktbu tajjeb il-kliem kollu mill-ewwel kelma sat-tmien kelma ssibu fil-kaxxi mmarkati bl-iswed skur kelma ta' ħaġa li tindaqq minn fuq l-orgni tal-knisja sewwa sew kif il-vara tidħol mill-bieb 'il ġewwa. Din il-ħaġa tindaqq ukoll fil-ġranet tat-tridu kif ukoll lejlet u nhar il-festa. Issa ppruvaw iktbu l-kliem skond dan li ġej u toħorġu l-kelma li tlabniekom:—



1. Tifel li jagħmel l-affarijiet bi traskuraġni ngħid li hu....
2. Dawn m'humiex ġodda, għandhom ħafna żmien.
3. Neħħew dak li kien hemm fuq it-trakk.
4. Mhux maħmuġ.
5. Ma tistax issaffar mingħajr din
6. Kunjom b'ħames ittri jibda biċ-C u jispiċċa bl-O
7. It-tfal jilagħbu bih.
8. Il-gazzetta tistampa ruħha fiha.

Bħas-soltu ibagħtu l-kompetizzjoni tagħkom f'envelope magħluq u ndirizzawh lill-Każin tal-Banda San Gabriel, jew impustawh intom srtess fil-letter box tal-Każin. Żmien sa nhar is-Sibt 27 t'Awwissu.

Is-soluzzjoni tal-kompetizzjoni tal-Ħarġa 61 kienet li tiktbu n-numru 55. Ir-rebbieħ kien Winston Pirotta, 218 Main Street Balzan.

Il-qwiel li kellkom tiktbu fil-Ħarġa 62 kienu:

1. Jannar iqaxxar ġild ta' ħmar.
2. Awwissu x-xemx taħarqu u x-xita tmissu.
3. Bħal ta' l-ewwel la taqla' u lanqas tħawwel.
4. Mejju mirjieħ bid-deni stennieħ.
5. Diċembru jidħol fis-sala membru.
6. Frar ifawwar il-bjar.

Ir-rebbieħ ta' din il-kompetizzjoni kien Alan Camilleri ta' 54 Main Street Balzan.

Il-premju nieħdu ħsieb nibagħtuhulhom.

PROGRAMM TAL-FESTI SOLENNI F'GIEH MARIJA ANNUNZJATA

IL-HADD 3 TA' LULJU

6.30 p.m. Hruġ ta' l-Istatwa min-niċċa għall-qima fil-knisja. Salut mill- Kumpanija tan-Nar.

IT-TLIETA 5 TA' LULJU

6.30 p.m. Quddiesa għat-tfal tal-Parroċċa bi thejjija għall-Festa.

L-ERBGHA 6 TA' LULJU

L-EWWEL JUM TAT-TRIDU

6.00 p.m. Rużarju meditat u bil-kant.

6.30 p.m. Quddiesa bil-kant u bl-omelija mir-Rev. Dun Ġużepp Zammit,, Lic.D., Kurunella, Innu, Litanija, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika bil-mużika. Il-funzjoni tagħlaq bil-kant ta' l-Innu Popolari lil Marija Annunzjata, versi tal-Balzani Ġorġ Borg u mużika ta' Mro. Patri Albert Borg O.S.A.

IL-HAMIS 7 TA' LULJU

IT-TIENI JUM TAT-TRIDU

7.15 a.m. Quddiesa Kantata.
Kollox bħall-ewwel jum.

IL-ĠIMGHA 8 TA' LULJU

IT-TIELET JUM TAT-TRIDU

Kollox bħall-jumejn ta' qabel.

8.00 p.m. Il-Baned "St. Gabriel" tal-Parroċċa u "St. Joseph" ta' Hal Għaxaq jagħmlu marċi mat-toroq tal-Parroċċa. Mixegħla ġenerali.

IS-SIBT 9 TA' LULJU

LEJLET IL-FESTA

7.30 a.m. Quddiesa bil-mużika, bil-Malti, Te Deum tat-Tridu u Antifona .

4.30 p.m. 'il quddiem ikun hawn konfessuri barranin għall-irġiel u n-nisa.

6.30 p.m. Traslazzjoni Solenni tar-Relikwija tal-Madonna; quddiesa bil-mużika u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Jiċċelebra r-Rev.mu Mons. Carmelo Siberras.

8.00 p.m. Il-Banda "St. Gabriel" tagħmel marċ, imbagħad tesegwixxi programm fuq iz-zuntier tal-knisja taħt it-tmexxija ta' Mro. Clemente Sciberras, A. Mus. L.C.M. (Lond.). Il-programm jispiċċa bl-esekuzzjoni ta' l-'Innu lil Marija Annunzjata', versi ta' Dun Frans Camilleri, mużika ta' Rev.mu Mons. Kav. Carmelo Scerri Ikanta t-tenur Andrew Sapiano flimkien mal-kor 'Pax Christi' tal-Għargħur, immexxi minn Dun Karm Bezzina.

8.00 p.m. Il-Banda 'La Vittoria' tal-Mellieħa ddoqq marċi imbagħad tesegwixxi programm fi Pjazza Balzan.

10.30 p.m. Multali tal-kulur u logħob tan-nar mid-dilettanti Balzanin.

IL-HADD 10 TA' LULJU

JUM IL-FESTA

Quddiesa bil-kant, omelija u tqarbin: 6.00, 7.30. 8.30 u 11.30 a.m.

9.15 a.m. Kant ta' Terza u Quddiesa Pontifikali solenni bil-mużika li fiha jikkonċelebraw il-qassisin tal-parroċċa u s-saċerdoti kollha li ħarġu mill-parroċċa. Imexxi l-Konċelebrazzjoni r-Rev.mu Mons. Carmelo Sciberras. Wara l-Vanġelu paneġierku mill-W.R. Dun Carmelo Attard, Kappillan tal-Qrendi. Wara l-quddiesa jsir il-bews tar-relikwija tal-Madonna.

10.00 a.m. Marċi mill-Banda "Duke of Connaught" ta' B'Kara.

5.30 p.m. Marċi mill-banda "King's Own" u programm fuq iz-zuntier tal-knisja. Fil-ħruġ tal-purċissjoni t-tenur Andrew Sapiano jkanta l-Ave Marija akkumpanjat mill-istess Banda.

5.30 p.m. Marċi mill-Banda "Santa Katerina" taż-Żurrieq, u programm fi Pjazza Balzan.

5.30 p.m. Quddiesa letta.

6.30 p.m. Għasar bil-mużika. Purċissjoni bl-istatwa artistika u devota ta' Marija Annunzjata u r-relikwija tal-Madonna. Imexxi l-istess Mons. C. Sciberras. Mad-dħul tal-Purċissjoni Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

Matul il-purċissjoni u wara, murtali tal-Kulur u kaxxa nfernali mid-dilettanti Balzanin.

Wara l-Benedizzjoni ħruq ta' nar ta' l-art fi New Street.
Wara l-Benedizzjoni marċ ta' egħluq il-Festa mill-Banda "St. Gabriel".

It-Tnejn, 11 ta' Lulju fis-6.30 p.m.: quddiesa għall-Benefatturi tal-festa ħajjin u mejtin.

Il-mużika tat-Tridu u tal-Festa tkun tas-surmastrijiet Paolo u Antonio Nani, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Gatt.

ROKNA GHAT-TFAL

Tfal għeżież,

Darba waħda kont l-iskola, u ġie tifel fuqi bi ktieb li kien sab barra ħdejn il-bieb ta' l-iskola. Dan il-ktieb milli jidher kien intilef lil xi tifel u, billi ma kellu l-ebda isem fuqu, ma stajtx inkun naf ta' min hu. Wara li għamilna avviż, instab ta' min kien. Sid il-ktieb tant feraħ u ħa pjaċir li l-ktieb tiegħu kien instab li mhux biss irringrazzja lili, imma talabni wkoll ngħidlu min kien dak it-tifel li sabhulu biex imur igħid grazzi lilu wkoll. "Dan it-tifel veru edukat," għidt f'qalbi, "għax jaf japprezza l-ġid li tkun għamiltlu !"

Tfal bħal dawn, li jkunu rikonoxxenti lejn min ikun għamlilhom xi ġid, ikunu maħbubin minn kulħadd u rrispettati kull fejn ikunu. L-edukazzjoni u l-manjieri tajba tant iżejnuh lill-bniedem, għax jagħmluh aktar kapaċi jgħix man-nies. Bniedem edukat tagħrfu minn seba' mili bogħod, u tinġibed lejh bla ma trid. Il-kumpanija tiegħu ssir togħġbok, u għalhekk dan il-bniedem ma jistax ma jkollux ħafna ħbieb.

Iżda l-manjieri tajba m'humiex xi ħaġa li nużawha biss mal-barranin. Trid tibda mid-dar. Mid-dar irridu nidraw ngħidu 'jekk jogħġbok' u 'grazzi', mid-dar irridu nidraw ma ngħajtux meta nitkellmu u nagħtu ċans lil ħaddieħor jitkellem, mid-dar irridu nidraw ma naħlux u ma narmux l-affarijiet tagħna barra. M'humiex edukati dawk it-tfal li mal-barranin — jiġifieri mal-għalliema u mas-superjuri tagħhom u ma' sħabhom — iġibu ruħhom tant tajjeb, u mbagħad mal-ġenituri tagħhom u ma' ħuthom l-edukazzjoni ma jafux fejn toqgħod. Bniedem edukat huwa edukat dejjem u ma' kulħadd, għax ikollu qalbu edukata. Huwa edukat, l-ewwel u qabel kollox, ma' Alla u kuljum jirringrazzjah tal-ġid kollu li għamel miegħu.

Għalhekk, għeżiez tfal, fittxu li tkunu dejjem edukati, għax l-edukazzjoni tagħmilkom mgħġuba minn kulħadd.

MARY'S HOUSE
7, CASTILLE PLACE, VALLETTA
(Near Upper Barracca Gardens)
LEADING STORE IN MALTA LACE MANUFACTURING
Souvenirs and Malta weave, Postcards, Ceramics, Wooden Dgħajsas, Maltese National Dolls.
A VISIT IS SOLICITED Tel. 21337

Ikompli minn paġna 2

riet billi ssir dik li tissejjaħ Sajda Museumina, jiġifieri għaxar konferenzi, waħda kuljum mit-Tnejn, 6 ta' Ġunju, sal-Ġimgħa 17 ta' Ġunju, li fihom membri tal-Museum tkellmu fuq suġġetti differenti. Dawn il-konferenzi saru fil-biċċa l-kbira fuq iz-zuntier tal-Knisja, u kien hemm attendenza tassew sabiħa.

Is-Soċjetà tal-Museum tagħraf l-għajnuna siewja u l-inkoraġġiment li dejjem sabet mill-membri kollha tal-parroċċa, kleru u poplu, fit-twettiq tal-ħidma tagħha u tittama li dawn l-attivitajiet li saru kienu ta' għajnuna spiritwali għal kull min ħa sehem fihom, biex b'hekk il-messaġġ ta' l-Evanġelju jasal lill-bnedmin tad-dinja kollha.

LEJLA SPANJOLA

● Fil-Kulleġġ ta' San Alwiġi, b'Kara, nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Lulju se tkun organizzata "Noche Andalusa", jiġifieri lejla Spanjola, b'risq id-Dar tal-Provvidenza tas-Siġġiewi. L-attrazzjonijiet se jkunu l-grupp mużikali Los Gitanos Sevillanos u ż-żeffiena International Los Boleros. Se jkun hemm ukoll Buffet b'ikel preparat minn grupp ta' nisa Spanjoli.

Biljetti mid-Dar tal-Provvidenza.

IL-BOARD EDITORJALI JIRRINGRAZZJA LIL DAWK KOLLHA LI LAQGHU L-APPELL TAGHNA

JEKK INT BALZANI

Ir- raħal tagħna huwa meqjus bħala raħal kwiet u nadif. Dan huwa kollu minnu imma huwa fatt li jeżistu għadd ta' persuni li għalkemm huma ftit jiddispjaċina ninotaw li b'xi mod qegħdin jagħtu stampa kera lil ħaddieħor. Dawn it-talin waqt li qed ikerrħu l-ambjent jonqsu bl-ikrah lill-ġirien tagħhom. Affarijiet li jkerrħu l-ambjent u l-karatteristika tagħna l-Balzanin huma:

- Skart mitluq bl-addoċċ fit-triq.
- Parking f'postijiet ipprojbiti
- Radjijiet jindaqqu b'volumm qawwi f'ħinijiet tal- mistrieħ.
- Għajjat banali u xi kultant bi kliem baxx.

Bi sforz komuni kemm minn dawk li qed jonqsu li ma jibqgħux jagħmlu hekk kif ukoll minn dawk l-oħrajn kollha li jikkoreġu lil dawk li qegħdin jonqsu r-raħal tagħna ikun jista' jżomm il-karatteristika tiegħu ta' pajjiż kwiet. nadif u b'abitanti edukati.

SALVU BRINCAT
IRONMONGERY AND ELECTRICAL GOODS
175, MAIN STREET,
BALZAN

BALZAN BUTCHER SHOP
FALZON BROS.
107, MAIN STR.,
BALZAN

TURA FILMS
TURA
DEDICATED TO PROGRESS
TURA